MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 2165/1999/1

**Atlas Insurance Agency Ltd. agenti Malta tas-Socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**1. Seamalta Company Limited,**
**2. The Cargo Handling Company Limited u b' digriet tas-26 ta' Marzu 2013 l-atti gew trasfuzi f'isem Dr. Abigail Galea (I.D. 64682M) bhala stralcjarju tal-istess The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 7 ta’ Ottubru 1999 fejn esponiet: -

Illi fid-9 ta' Settembru 1998 is-socjeta' Michael Attard Ltd. importat gewwa Malta fuq il-bastiment Fast Trader konsenja ta' vetturi Peugeot liema konsenja giet ikkonsenjata lill-assigurat tal-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok. A (*survey report*).

Illi *ai termini* tal-polza ta' Assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-attur jikkwantifika d-danni fil-merkanzija *de qua* fl-ammont ta' tliet mija u tliet liri u tmienja u sittin centezmu (Lm303.68) li maghhom jizdied l-ammont ta' sitta u hamsin lira (Lm56) bhala *survey fee* ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' tliet mija u disgha u hamsin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm359.68).

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

Jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onor Qorti m'ghandhiex: -

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm359.68;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm359.68 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-14 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Sea Malta Company Limited datata 11 ta' Frar 2000 (fol 20) fejn esponiet illi: -

1. Fl-ewwel lok li t-talbiet tal-atturi la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt;

2. Fit-tieni lok il-klawsola tal-ezoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati.

3. Fit-tielet lok li s-socjeta` konvenuta kkonsenjat mill-i*stores* taghha dak kollu li gie lillha konsenjat u fl-istat li rcevithom.

4. Fir-raba' lok id-dekadenza ta' sena mid-data f' liema l-vapur wasal Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited datata 16 ta' Frar 2000 (fol 28) fejn esponiet: -

1. IIli preliminarjament, I-azzjoni attrici hija preskritta *a tenur* tas-sub-incizi (a) u (b) taI-artikolu 65 ta' Att XVII taI-1991 li waqqaf I-Awtorita` Marittima ta' Malta.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-vapur msemmi fic-citazzjoni attrici, u cioe' Fast Trader li inghad li wasal Malta fid-9 ta' Settembru 1998, qatt ma wasal Malta f'din id-data;

3. Illi fit-tielet lok, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi I-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta` konvenuta u li I-istess merkanzija giet ikkonsennjata lis-socjeta` konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet;

4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici *stante* li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mil-ligi;

5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghadu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;

6. Illi fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut *stante* li s-socjeta` konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li *si come* din *si tratta* ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni tal-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;

7. Illi ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta` konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' trattazzjoni tal-Avukat Claire Stafrace Zammit ghall-kumpanija the Cargo Co Ltd dwar l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici; u t-trattazzjoni tal-Avukat Jacqueline Borg ghar-rigward tar-raba' eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta Sea Malta Co. Ltd. (fol 73 et seq).

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr. John Refalo ghall-kumpanija konvenuta Sea Malta Co Ltd li talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Issejjah mill-gdid Dr. Simon Micallef Stafrace ghall-kumpanija attrici li baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Mejju 2004.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Jannar 2013 quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li l-Qorti kellha bzonn ftit aktar zmien biex taghti s-sentenza l-kawza giet differita ghall-31 ta' Jannar 2013. Aktar tard dehret Dr. Abigail Galea li nfurmat lill-Qorti li fil-mori tal-proceduri l-Cargo Handling qieghed fil-proceduri ta' stralc, u hi qed tidher bhala likwidatur, u hadet konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 quddiem din il-Qorti kif illum hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet msejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Inghatat sentenzi *in parte* fejn il-Qorti : *"Taqta' u tiddeciedi billi tichad r-raba' eccezzjoni tas-socjeta` Sea Malta Company Limited u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, u tordna li l-kawza titkompla fuq il-mertu. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetajiet konvenuti fi kwoti ndaqs bejniethom."*

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza ssejhet qabel il-hin u Dr. Abigail Galea *in visto* tal-fatt li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. qieghda f'likwidazzjoni u hija qieghda stralcjara tal-istess, talbet il-korrezzjoni tal-okkju tal-kawza fis-sens li minflok l-isem tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. jidhlu l-kliem "Dr. Abigail Galea I.D. 64682M stralcjarja tas-socjeta` Cargo Holdings Co. Ltd.". Digriet: Il-Qorti laqghet it-talba fis-sens li l-okkju jigi korrett billi wara l-kliem The Cargo Holding Co. Ltd. jigu nseriti l-kliem "u b'digriet tas-26 ta' Marzu 2013 l-atti gew trasfuzi f'isem Dr. Abigail Galea (I.D. 64682 M) bhala stralcjarju tal-istess The Cargo Holdings Co. Ltd. Kawza posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr. Abigail Galea. Is-socjeta` attrici u d-difensur taghha Dr. Simon Micallef Stafrace msejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Is-socjeta` Sea Malta Co. Ltd. u d-difensur taghha msejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Dr. Galea nfurmat lill-Qorti li s-Sea Malta Co. Ltd. qieghda wkoll fi stadju ta' likwidazzjoni. Il-Qorti rat il-verbal tal-31 ta' Jannar 2013. Rat li l-partijiet kienu ghalqu l-provi taghhom fuq il-mertu tal-kaz, u

ddifferixxiet il-kawza ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghall-31 ta' Ottubru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan il-kaz jittratta dwar talba mill-attur assikuratur li gie ssurrogat fid-drittijiet tas-socjeta` *Michael Attard Limited* ghar-rizarciment ta' hsarat li allegatament ingarrbu fuq konsenja ta' diversi vetturi tal-marka *Peugeot* li gew importati f'Malta fuq il-bastiment *Fast Trader*. L-istess socjeta` attrici indennizzat lill-assikurat taghha tad-danni li gew avverati minnha fil-merkanzija u b'hekk saret din il-kawza ghall-dikjarazzjoni ta' responsabbilta`, likwidazzjoni ta' danni u kundanna ghall-hlas.

Is-socjeta' *Sea Malta Company Limited* eccepiet fil-mertu li l-polza ta' kariku jezonera lis-socjeta' konvenuta mir-responsabbilta' ghad-danni reklamati. Tghid li mhix responsabbli *inoltre* ghall-ebda danni peress li kkonsenjat il-merkanzija fil-kondizzjoni li rcevitha.

Is-socjeta' *The Cargo Handling Company Limited,* da parti taghha, tghid li l-vapur msemmi fic-citazzjoni attrici, u cioe' *Fast Trader* li inghad li wasal Malta fid-9 ta' Settembru 1998, qatt ma wasal Malta f'din id-data; *inoltre* ghandu jigi ppruvat li rceviet il-merkanzija ezenti minn nuqqasijiet allegati sabiex jigi stabbilit ir-responsabbilta' taghha u li l-hsara sehhet waqt li dawn kienu kkustoditi minnha. Ukoll tghid li qdiet l-obbligazzjonijiet taghha skont il-Ligi u li d-danni reklamati huma eccessivi u f'kull kaz, jekk huma dovuti, ghandhom jigu likwidati mill-Qorti.Tghid ukoll li ma kenitx giet interpellata mis-socjeta` attrici.

Wara li gew respinti l-eċċezzjonijiet tad-dekadenza ta' sena u tal-preskrizzjoni, *a tenur* tas-sub-incizi (a) u (b) tal-Artikolu 65 ta' Att XVII tal-1991, l-eccezzjoni principali li baqa', tirrigwarda l-fatt illi l-ħsara reklamata ma kenitx responsabbilta' tal-konvenuti u kwindi ħadd minnhom m'ghandu jkun tenut responsabbli ghall-hlas tad-danni subiti.

## Provi Prodotti

Xehed **Mr. John Falzon,** *surveyor* mas-socjeta' Michael Attard Ltd.,[1] li ra l-karrozzi meta kienu fil-*bonded stores* u ffirma l-*gate pass out* li tinsab esebita a fol. 12 tal-process. Minn dokument ipprezentat minnu u mmarkat "**Dok. JF"** jirrizultaw in-nuqqasijiet imnizzlin fuq il-*gate pass out*.

Xehed **Mr. Mark Micallef**, *surveyor* mas-socjeta' attrici[2], riferibbilment ghas-*Survey Report* redatt minnu esebit a fol. 5 tal-process u kkonferma l-kontenut tieghu. Qal li hu, flimkien ma' John Falzon kien ra l-karozzi f'*Laboratory Wharf* fl-14 ta' Ottubru 1998.

Spjega li ma jkollux x'jaqsam mal-*gate pass out,* pero' wara jqabbel mieghu n-nuqqasijiet li jkun ra hu. Wara li jkun ghamel ic-*checking (*billi jigu mqabbla s-*survey report,* l- *invoice,* u l-*gate pass out*) johrog il-hlas. Fil-kaz odjern, qabel ma' kollox.

Xehed **Roger Satariano[3]** *tally clerk* mal-kumpanija *Sea Malta Company Limited* u spjega li xogholu hu li jispezzjona l-merkanzija li tinzel minn abbord il-vapuri tas-Sea Malta u li jnizzel fit-*tally sheets* relattivi dawk il-hsarat jew nuqqasijiet li jirriskontra fil-merkanzija. Madanakollu x-xhieda tieghu tirrigwarda konsenja ta' merkanzija li sehhet fis-16 ta' Settembru 1998 minn fuq il-vapur "Fast Navigator", li mhix il-mertu ta' din il-kawza.

Xehed **Peter Bonello,[4]** rapprezentant tas-socjeta' konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* u qal li b'referenza ghall-*gate pass out,* a fol. 12 tal-process, iddikjara li fis-17 ta' Ottubru 1998, hargu hamsa u ghoxrin (25) karozza li gew mal-vapur *Fast Trader* li dahal fit-13 ta' Ottubru 1998. Il-*Cargo Handling* damu mit-13 ta' Ottubru sal-14 ta' Ottubru.

[1] Xhieda a fol. 45 tal-process.
[2] Xhieda a fol. 46 tal-process.
[3] Xhieda a fol. 58 tal-process.
[4] Xhieda a fol. 65 tal-process.

Fuq il-*gate pass out* jidhru rimarki ta’ xi nuqqasijiet.

Ipprezenta t-*tally sheet* li qed tigi mmarkata PB (a fol. 64 tal-process) li tindika li l-hamsa u ghoxrin karozza Peugeot li immedjatament kif hargu minn fuq il-vapur baqghu dehlin fis-*security yard.*

Irrimarka fis-sens li karozza minnhom, meta nizlet ma kenitx tistartja u ma kenitx tahdem u ghalhekk kellha tigi *towed.* Jista’ jkun li ma kellhiex batterija.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Illi mill-provi mressqin fl-atti tal-kawża, jirriżulta li l-merkanzija li tifforma l-mertu tal-azzjoni attrici waslet f’Malta, abbord il-bastiment *Fast Trader,* liema merkanzija kienet tikkonsisti f’konsenja ta’ diversi vetturi tal-marka *Peugeot* lill-importatur Michael Attard Limited.

**<u>Responsabbilta` tal-Vettural</u>**

Il-qafas tal-principju generali hu li l-vettural, bħala depożitarju tal-merkanzija li jkun intalab igorr, huwa responsabbli li jikkonsenja l-merkanzija, bla ħsara lid-destinatarju jew lil min sejjer jilqagħha f’ismu. (P.A. TM **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher et).**

F`kawza fejn jigu reklamati danni f'merkanzija importata f'Malta permezz tat-trasport bil-bahar, jinvolvu essenzjalment tliet partijiet: (I) l-importatur jew ricevetur (II) il-vettural jew trasportatur u (III) l-kuntrattur portwali. Jinvolvu wkoll l-esebizzjoni u l-ezami ta' dokumenti partikolari, il-portata guridika taghhom, u l-effett taghhom ghal fattispecje singolari f'kull kaz[5].

**<u>Provi Dokumentarji</u>**

[5] Vide sentenza fl-ismijiet "***Dr. Simon Micallef Stafrace noe. v. Adrian Mifsud et. noe***" - P.A.P(PS)- dec. fid-9 ta' Dicembru 2002.

Illi f'każijiet bħal dawn, l-istħarrig tal-pretensjonijiet attrici jiddependi wisq minn kemm id-dokumenti li jixhdu l-grajja tat-tragitt għandhom piz probatorju. Dan jingħad għaliex dawk id-dokumenti, generalment, ikunu saru fil-ħin tal-grajja partikolari u jkunu għalhekk mistennija li jservu bħala dokumentarju ta' dik il-grajja. (App. Kumm. dec. fis-6 ta' Gunju 1995 fil-kawża fl-ismijiet "***David Curmi noe Carmel Mallia et noe***" (mhix pubblikata).

Kif gie kostantament ribadut mill-Qrati taghna l-polza tal-kariku tirrapprezenta l-merkanzija u taghmel prova tal-karikazzjoni (*vide* l-**artikolu 325 tal-Kap.13** tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li "l-*polza tal-kariku taghmel prova bejn il-partijiet kollha nteressati fit-taghbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguratur, bla hsara ta' prova kuntrarja*").[6]

Konsegwentement in kwantu prova tat-trasport, permezz ta' dan id-dokument il-Kaptan tal-Vapur jobbliga ruhu li jikkonsenja l-merkanzija fil-port tad-destinazzjoni fl-istess kundizzjoni li tghabbiet.

Kopja tal-polza tat-taghbija li tirrigwarda l-merkanzija mertu tal-kawża, isservi ta' għajnuna kbira, biex wieħed jara jekk kemm-il darba kienx hemm imniżżlin fuqha xi rimarki jew tagħrif ieħor dwar l-istat tal-merkanzija li tgħabbiet fil-*container.* Ukoll, mill-polza ta' tagħbija, wieħed jista' jislet tagħrif dwar qsim ta' responsabbiltajiet jew eżoneri dwar il-merkanzija, minbarra xi rimarki partikolari dwar il-qagħda tal-merkanzija meta titghabba fil-*container*.

L-imsemmija dokumenti jagħmlu prova qawwija u ta' min joqgħod fuqha imma hija prova *juris tantum* u mhux irribattibbli (P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet **John Galdes noe et vs Godwin Abela noe et)** li tista' titwaqqa' biss bi provi oħrajn daqstant qawwija. Għalhekk, dawn id-dokumenti ma jistgħux jitwarrbu fuq semplici kongettura, jew taħt l-iskuża li jkunu saru b'għaggla u nuqqas ta'

[6] Vide Sentenza fl-ismijiet "***Noel Ellul noe v James Gollchet et noe.et.***" - PA(PS) dec. fil-31 ta' Jannar 2003

reqqa, (App. Civ. 12. 6. 2001 fil-kawża fl-ismijiet "***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs SeaMalta Co Ltd. et"***) jew bi provi li jitnisslu wara ż-żmien li għalihom dawk id-dokumenti jirreferu. (App. Kumm. 20.4.1995 fil-kawża fl-ismijiet "***Gatt noe vs Sciberras noe***" **-** Kollez. Vol: LXXIX.ii.903).

Fuq kollox, l-imsemmija dokumenti jridu jkunu "*mera tal-process tal-garr tal-merkanzija li għalih jirreferu u jippruvaw, għalhekk, l-istat ta' dik il-merkanzija f'kull waqt determinanti tal-vjagg sal-konsenja lill-importatur*." (App. Civ. 19.5.2000 fil-kawża fl-ismijiet *"**Dr Giovanni Griscti noe vs John Cooper noe et***" (mhix pubblikata).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li skont il-polza ta' kariku numru 003 esebita bhala **Dok 'I'** a fol. 15 tal-process kellhom jigu mpurtati Malta fuq il-vapur "*Fast Trader"* tas-socjeta` *Sea Malta Company Ltd* numru ta' karozzi Peugot fid-9 t'Ottubru 1998. Jinsab esebit ukoll t-*tally sheet* tas-socjeta' *The Cargo Handling Company Limited* immarkat bhala "**DOK PB"** a fol. 64 tal-process. Dan huwa *joint tally sheet.*

Illi jidher mill-*Gate Pass Out* immarkat bhala Dokument **'F'** a fol 12 tal-process u datat l-14 ta' Ottubru 1998 li gew riskontrati diversi hsarat li jaqblu ma' dawk deskritti fl-*invoice* mahruga minn *Michael Attard Limited,* l-importatur tal-merkanzija. Dawn jikkonsistu fi hsarat f'*cigarette lighters*, *batteries, wiper blades* u partijiet ohra tal-vetturi kkonsenjati. Dwar dawn il-hsarat hemm qbil bejn is-*surveyor* tal-importatur u s-*surveyor* tas-socjeta' attrici (*vide* xhieda ta' John Falzon u Mark Micallef rispettivament) li hadu notament taghhom meta dawn ikkontrollaw il-vetturi waqt li kienu fil-*Laboratory Wharf* fl-14 ta' Ottubru 1998.

Illi abbazi ta' dawn il-provi jirrizulta li ladarba t-*tally sheet* saret *joint* u cioe` mir-rapprezentanti u *tally clerks* tas-socjeta` konvenuta *Sea Malta Co Ltd.* u dawk tas-socjeta` konvenuta l-ohra *The Cargo Handling Co Ltd,* u ladarba l-istess dokument ma gie bl-ebda mod ikkontestat jew kontradett japplika l-principju affermat fis-sentenza fl-

ismijiet "**Dr Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe**" (A.C. 15 ta' Mejju 1998 – LXXXII.ii.147) fejn inghad illi:

"*Ghalhekk ghandha titqies li tali tally sheet tikkostitwixxi prova tal-kontenut taghha fis-sens li meta l-vetturi in kwistjoni gew zbarkati minn abbord ma kienx fihom nuqqasijiet li allura graw sussegwentement meta l-vetturi kienu fil-kustodja tas-socjeta` konvenuta."*

Illi min-naha l-ohra meta l-istess vetturi gew rilaxxati mis-socjeta` konvenuta *The Cargo Handling Co Ltd* dawn gew rilaxxati b'diversi rimarki fuqhom li jindikaw li nstabu hsarat u jew nuqqasijiet fl-istess vetturi qabel ma gew hekk moghtija lill-importatur. Ghalhekk dan l-istess dokument jikkostitwixxi prova kontra s-socjeta` *The Cargo Handling Ltd* rigward l-istat tal-istess vetturi kif minnha rilaxxata, *stante* li jindikaw li tali hsarat li graw waqt li l-istess merkanzija kienet fil-kustodja tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi dwar il-prova u l-validita` taghha li dawn iz-zewg dokumenti cioe` t-*tally sheet* u l-*Gate Pass Out* jimpurtaw is-sentenza fl-ismijiet "**Michael Gatt noe vs L-Avukat Dr Philip Sciberras et**" (A.K. 20 t'April 1995 – LXXIX.ii.903) tghid li: "*Ghaz-zewg mumenti fokali hemm in-nota dokumentarja li ghandha 'juris tantum' tkun deciziva*. *Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-tally sheet; u ghat-tieni mument, qabel li l-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – il-Gate Pass Out*".

"*Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decisivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza li ghandhom l-opportunita`, f'waqta, a tempo vergine, li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni tal-istat ta' fatt. Provi a posteriori ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-prezunzjoni juris tantum li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici, dokumenti li gew ikompilati*

*tempestivament u fil-mumenti opportuni.*" (Ara wkoll "**David Curmi *nomine* -vs- Carmelo Mallia *et nomine et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Gunju 1995).

Illi *in vista* ta' dan jidher li abbazi ta' dan l-insenjament din il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kontenut tal-istess dokumenti kemm ghal dak li jirrigwarda l-istat tal-vetturi meta nizlu minn fuq il-vapur u kemm l-istat tal-vetturi meta dawn gew rilaxxati lill-importatur, u dan ukoll ghaliex ma jidher li fl-ebda mument ta' din il-kawza l-kontenut tal-istess dokumenti ma gie kkontestat, la minn parti u lanqas minn ohra.

Illi stabbilit il-premess jonqos biss li jigu kkunsidrati l-bqija tal-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta` *The Cargo Handling Company Limited.*

**i) *Il-Vapur Fast Trader qatt ma wasal Malta fid-9 ta' Settembru 1998.***

Dwar dan il-punt jidher car mic-citazzjoni li d-data 9 ta' Settembru 1998 huwa erronjament indikat u dan huwa *lapsus*. Fil-fatt mid-dokumenti esebiti kemm mal-att tac-citazzjoni (data ta' rilaxx tal-polza ta' kariku juri d-9 ta' Ottubru 1998) u (data tal-*gate pass out* li huwa l-14 ta' Ottubru 1998)[7] kif ukoll fl-atti (*tally sheet* esebita mis-socjeta` konvenuta datata t-13 ta' Ottubru 1998).

Kif kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza parzjali taghha f'din il-kawza, din il-Qorti hija ghalhekk konfrontata b'konflitt bejn id-data dikjarata fil-premessa tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni, izda mhux ripetuta fit-talbiet, u d-data li tohrog minn ezami tal-assjem tad-dokumenti annessi mac-citazzjoni, li jikkostitwixxu prova attendibbli tad-data tal-garr u konsenja tal-merkanzija.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-dikjarazzjoni tad-data fil-premessa tac-citazzjoni kif ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata ghandha titqies biss bhala parti mill-assjem tal-provi fil-kaz in ezami, li jista' jigi korroborat jew

[7] **Dokumenti A sa I fil-process esebiti mac-citazzjoni.**

kontrastat minn provi ohra esebiti fil-kaz. Fil-fatt hekk gara u jidher car li d-data ndikata fil-parti tal-premessi tac-citazzjoni mhix korretta minhabba r-ragunijiet fuq dedotti.

Ikkonsidrat li minkejja d-data zbaljata, is-socjeta' konvenuta xorta ghaddiet biex tressaq il-provi taghha u pproduciet "tally sheet" riferibbilment ghall-konsenja mertu ta' din il-kawza bhala prova.

Ghalhekk din l-eccezzjoni mhix ser tigi akkolta.

ii*) L-Ammont tad-Danni mitluba huwa eccessiv u ghandu jigi likwidat minn din il-Qorti.*

L-attur esebixxa *invoice* (a fo. 6 u 7) mahrug mill-importatur u kkonfermat bil-gurament mis-*surveyor* John Falzon. Jirrizulta li l-hsarat elenkati huma wkoll ikkonfermati mis-*surveyor* tas-socjeta' assikuratrici Mark Micallef.

Dwar dan, il-Qrati taghna osservaw li "*ladarba l-azzjoni qiegħda ssir mill-kumpannija assikuratrici u mhux mill-kunsinnatarja, wieħed m’għandux jippresumi li s-socjeta’ assikuratrici kienet sejra taccetta l-claim tal-assikurata tagħha b’mod legger bla ma tagħmel il-verifiki meħtiega*." (App. Civ. 29.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet "***Felice Pace noe et vs Abela noe et”*** (Kollez. Vol: LXXXIII.ii.526) u P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet "***Reginald Micallef et noe vs Godwin Abela et noe.***"

Innotat li s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova biex tikkontesta l-ispejjez reklamati.

Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, ma nghatat ebda spjegazzjoni kwalunkwe ghaliex l-istess oggetti gratilhom il-hsara u n-nuqqas indikat fil-kustodja tal-istess socjeta’ u ghalhekk ma nghatat ebda raguni ghaliex l-istess socjeta’ ghandha tigi ezentata mir-responsabbilta’ taghha, iktar u iktar fid-dawl tal-kura li suppost tigi adoperata f’kazi simili, u ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* ghandha tinzamm responsabbli ghall-istess danni ammontanti ghall-seba' mija u sebgha ewro u

tmienja u tletin centezmu (€707.38) (gja Lm303.68) skont stima li tinsab a fol. 6 u 7 tal-process.

Illi dwar l-ammont ulterjuri ta’ mija u tletin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€130.45) (gja Lm56) indikati bhala *survey fees* jidher li dawn qed jigu reklamati proprju mis-socjeta’ attrici u dan peress li fil-*veste* taghha bhala surrogata tal-assikurat taghha *Michael Attard Limited* hija qed tagixxi biss ghall-ammont ta’ danni attwalment sofferti mill-istess socjeta’ kif jirrizulta mis-surroga relattiva a fol. 14 tal-process u kkonfermata mix-xhieda John Falzon u Mark Micallef.

Illi dwar *survey fees* l-insenjament moghti minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "***Dr. Robert Staines nomine vs Godwin Abela nomine" –*** dec. fis-6 ta’ April 1992 gie segwit f’diversi sentenzi fosthom fil-kawza **“Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* vs Joseph Apps *nomine et* ”** (P.A. (N.A.) 13 ta’ Lulju 2001). Bhala konsegwenza, tali *survey fees* gew ikkonsidrati bhala spiza necessarja u ragonevoli sabiex jigu stabbiliti d-danni sofferti fil-kaz u ghalhekk fl-isfond ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-istess *survey fees* fl-ammont modest u ragonevoli ta’ €130.45 ghandhom jigu ammessi.

Illi ghalhekk *in vista* tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta *Sea Malta Company Limited,* u milqugha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta l-ohra *The Cargo Handling Company Limited.*

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet rimanenti tas-socjeta’ konvenuta ***Sea Malta Company Limited*** u tiddikjara li l-istess socjeta’ ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta’ attrici, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tas-socjeta’ konvenuta ***The Cargo Handling Company Limited*** *stante* li hija responsabbli ghad-danni sofferti mertu tal-kawza odjerna, **tilqa’ t-**

**talbiet attrici limitatament u fil-konfront tal-istess socjeta' *The Cargo Handling Company Limited*** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tmien mija u sebgha u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu €837.83.

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€837.83) bhala danni sofferti mill-attur fil-kwalita` tieghu premessa u li ghalihom hija responsabbli l-istess socjeta' konvenuta *The Cargo Handling Company Limited,* u bl-imghax legali pagabbli mill-istess socjeta' *The Cargo Handling Company Limited* lis-socjeta' attrici mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-effettiv pagament.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' konvenuta *The Cargo Handling Company Limited*.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------